MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 364/2011

**Mobisle Communication Limited (C-24655)**
**Vs**
**MSH Services Limited (C-47666)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija, erbgha u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€824.78) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni numru 79011173 (A/C 50980311) moghti mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-10 ta' Jannar, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta` konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------